**Dispożittiv**

1) L-appell huwa miċħud.

2) Athinaïki Oikogeniaki Artopoiia AVEE hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tat-13 ta' Settembru 2007 — Il-Kummissjoni vs Il-Greċja**

**(Kawża C-381/06)**

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Direttiva 2002/14/KE — Informazzjoni u konsultazzjoni ta' l-impjegati — Nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst"

*Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-fondatezza mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed in kunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 8)*

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea — Dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni fuq ir-rappreżentazzjoni tal-ħaddiema (ĠU L 80, p. 29).

## Dispożittiv

1) Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex tikkonforma ruħha mad-Direttiva 2002/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Marzu 2002, li tistabbilixxi qafas ġenerali dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni ta' l-impjegati fil-Komunità Ewropea, ir-Repubblika Ellenika naqset li twettaq l-obbligi tagħha taħt din id-direttiva.

2) Ir-Repubblika Ellenika hija kkundannata għall-ispejjeż.

## Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta' Settembru 2007 — Sellier vs Il-Kummissjoni

**(Kawża C-191/07 P)**

"Appell — Terminu — Inammissibbiltà"

*Proċedura — Terminu ta' appell — Estinzjoni — Każ fortuwit jew ta' forza maġġuri (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 45(2); Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikoli 37(6) u 81(2) (ara l-punti 7, 9)*

## Suġġett

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (Ir-Raba' Awla) tal-15 ta' Jannar 2007, Sellier vs Il-Kummissjoni (T-276/06), li bih il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala inammissibbli r-rikors tar-rikorrent intiż għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni, ta' l-14 ta' Lulju 2006, li tagħlaq il-każ ta' l-ilment tiegħu mingħajr ma tieħu azzjoni ulterjuri fir-rigward ta' l-allegata inkompatibbiltà mad-dritt Komunitarju tal-leġiżlazzjoni Franċiża dwar id-depożitu ta' fondi miżmuma minnutara ma' ċerti banek.